TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Joseph Azzopardi

vs

Solar Engineering Ltd

CCT 221/17/MS

29 ta' Settembru 2021

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-4 ta' Dicembru 2017 fejn ippremetta illi ghalkemm is-socjeta' intimata kienet giet ghandu biex tirranga hsara li zviluppat fuq *airconditioning unit* mixtri minghandha, ezimiet ruhha mir-responsabbilta' u qalet illi l-hsara kienet diga ezistenti.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn eccepiet preliminarjament il-privilegium fori u talbet illi l-kawza tinstema fil-gzira ta' Ghawdex; fil-mertu irrispingiet l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha migjuba bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; illi minghajr pregudizzju l-attur irid jipprova l-allegat hsara; illi s-socjeta' intimata m'ghandha l-ebda responsabbilta' ghall-allegat hsarat sofferti mill-attur.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni dwar il-privilegium fori, jidher illi s-socjeta' intimata rrinunzjat ghaliha ghaliex ma tqajjmitx bhala eccezzjoni fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal u l-kawza instemghet mill-bidu sal-ahhar minghajr ma kien hemm talba ghal sentenza preliminari fuq dan il-punt. Ghalhekk it-Tribunal ser jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni u ha jghaddi biex jikkunsidra l-mertu.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fit-28 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrenti xtara zewg airconditioners tad-ditta Olimpia Splendid, ghal prezz ta' €2,092.00. Xi sena u seba' xhur wara, wiehed minnhom zviluppa hsara u ma kienx qed ikessah. Ir-rikorrent jghid li fl-10 ta' Lulju 2017 is-socjeta' intimata kienet

baghtet technician biex jirranga l-hsara u qallu li l-problema kienet il-*motherboard* li kellha bzonn tinbidel. Fid-19 ta' Lulju rega' gie technician biex jirrangah u dakinhar, il-mara tar-rikorrenti li kienet prezenti, semghet spluzjoni u kollox baqa' miexi normali. Ir-rikorrent ighid illi kien gie fuq il-post dakinhar wara li l-mara tieghu cemplitlu u malli gie it-*technicians* kienu fil-process li jtellghu wiehed gdid, pero' faqqghu x-xibka minn wara u l-AC ma xeghelx. Regghu nizzluh, qalghu l-kompressur il-qadim, tellghu iehor u xorta ma hadimx. Dan kien it-tieni wiehed li ppruvaw. Ir-rikorrent jghid li hemmhekk it-*technicians* cemplu inginier minn taghhom li qal li l-hsara kienet gejja min-naha tar-rikorrent. Dan pero' ma kienx jaf bl-isplużjoni li ghamlu min-naha tas-socjeta' intimata. Fil-25 ta' Lulju kien gie *technician* iehor li rega' wahhal il-qadim f'postu u r-rikorrent baqa' bl-*airconditioner* ma jahdimx.

Illi xehdet ukoll il-mara tar-rikorrent Annie Azzopardi li qalet illi kienet wahedha d-dar fid-19 ta' Lulju meta gew it-technicians li kienu qed jahdmu fuq in-naha ta' barra fil-bitha interna. Kienu qed jirrangaw il-kumpressur u semghet hoss - sparatura u mat-tfaqqiegha rat cappa nar. Staqsiethom x'kien gara u meta ma haditx risposta cemplet lir-ragel, qaltlu x'kien gara u qaltlu biex jigi d-dar.

Illi min-naha l-ohra, is-socjeta' intimata qieghda ssostni illi l-vultagg fid-dar tar-rikorrent kien gholi zzejjed - 250V minflok 230 - 240. Anthony Saliba, rappresentant tas-socjeta' intimata xehed f'dawn il-proceduri fejn qal illi kien hemm *leakage* ta' vultagg u li d-differenzi ta' vultaggi kkrejaw problema u meta jkun hemm vultagg iktar milli suppost il-*lifespan* tal-oggett ha jitnaqqas. Ikkwota mill-job-sheet tad-19 ta' Lulju fejn intqal hekk: *Tried to replace the unit but the AC tray started shocking. We changed live N 250W L-E 120V and N-E 50V. There was a leak with neutral. Client was told that he needs to contract the technician to fix the issue and then we can come to reconnect.* Ix-xhud qal ukoll li kien hemm bozza partikolari ta' fuq il-bejt li kienet qed tikkrea vultagg fuq *earth* - pero' Saliba qatt ma kien prezenti u dak li jaf, jafu fuq u skond x'qalu/ kitbu t-*technicians.* Fix-xhieda tieghu Saliba jghid li s-socjeta' intimata kienet lesta li thallas l-ispejjes tat-teknici u tas-servizzi, avolja ma kienx jirrizulta nuqqas min-naha taghha izda talbuh ihallas ghall-board li kienet inharqet fl-ammont ta' €275.87.

Xehed darbtejn Christian Zammit. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2020, ix-xhud qal illi huwa kien jahdem mas-socjeta' intimata fil-passat u ghalkemm ftakar wicc ir-rikorrent, ma jiftakarx il-kaz u lanqas ma ftakar *email* illi hu kien allegatament baghat dwar il-kaz fis-27 ta' Settembru 2017, bit-titlu 'Faulty Compressor Joseph Azzopardi'. Ix-xhud qal ukoll illi skond ritratt esebit, l-installazzjoni tal-AC saret f'Dicembru 2015, u dak iz-zmien hu ma kienx jahdem hemm. Ma setax jiftakar jew jikkonferma jekk kien hu li ha r-ritratti tal-*voltages* illi gew annessi mal-email ta' Dicembru 2017. Qal ukoll illi s-sur Anthony Saliba kellu access ghal email tieghu u seta' jidhol fil-kont tal-email tieghu. Fit-tmiem ix-xhieda tieghu, Zammit ighid illi l-kaz kien qed ifakkru f'kaz li kellhom ix-Xewkija ta' xi hadd li kien ighix hdejn l-Enemalta u li kellu problema bil-kompressur u li kien kiteb xi haga dwaru. Pero' ma setax jiftakar bl-amment.

It-tieni darba li xehed, fit-18 ta' Frar 2021, ix-xhud rega' kkonferma illi ma setax jivverifika xejn fuq il-kaz ghaliex bhala rekord personali ma zamm xejn. Pero' ftakar li huwa kien mar personalment ghand ir-rikorrent ma certu Victor Sultana u li dan tal-ahhar kien qallu li waqt li kienu

qeghdin xoghol hemmhekk, Sultana kien esperjenza xokk. Dak il-hin, Zammit ma kienx prezenti ghaliex kien mar igib xi ghodda mill-vann.

Xehed ukoll Victor Sultana li qal li fil-passat kien jahdem ma' Solar Engineering bhala *technician* u li dakinhar kien mar ighin lil Christina Zammit li kien talbu l-assistenza. Qal illi kien talab lir-rikorrent jitfi d-dawl biex ma jkunx hemm power fl-AC, pero' ghal xi raguni d-dawl baqa' ghaddej xorta b'konsegwenza illi huwa ha xokk u kellu jmur id-dar. Spjega illi s-switch ma qatax id-dawl u skond hu, dan ifisser illi s-switch ma kienx qed jahdem tajjeb ghax ma kienx qed jaqta' l-kurrent. In kontro-ezami huwa qal illi ma jafx jekk ir-rikorrent kien tefa' s-switch jew le. Ir-rikorrent qallu li tfiegh, pero' ma setax ighid jekk dan fil-fatt kien intefa'.

Xehed ukoll Jason Teuma, permezz ta' affidavit, li qal hekk:

*"I .. declare and confirm under oath .. that on the 21 day of July of the year 2017 I was asked by Joseph Azzopardi to make an inspection on the earth wire leading to the A/C unit at Altair, Triq l-Ibisku Xewkija, Gozo, which I found that there was no fault in the electrical system that could by any way damage or lead to an explosion of the compressor of the A/C in question."*

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza, it-Tribunal irid jara jekk il-hsarat li zviluppaw fl-AC unit tar-rikorrent kienux rizultat tal-operati tal-persuni mqabbda mis-socjeta' intimata jew inkella rizultat ta' xi haga min-naha tar-rikorrent.

Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss. Dan hareg car mix-xhieda u minn ezami tal-*job sheets* u l-*emails* prezentati fl-atti. Gie stabbilit ukoll li dawn il-hsarat sehhew sena u nofs wara li dawn il-units gew installati mis-socjeta' intimata, propju fil-perjodu tal-garanzija. Bhala fatt, l-ewwel darba illi gie xi hadd min-naha tas-socjeta' intimata kien fl-10 ta' Lulju 2017 u hemmhekk l-inginier qallu illi kienet marret il-motherboard. Dakinhar jidher illi l-*outdoor unit* ma kienx qed jiffunzjona. Il-jobsheet relevanti jghid hekk:

"Checked AC outdoor unit is not starting. After starts for 10 seconds and stops every two minutes."

Illi gimgha wara, regghu gew zewg technicians (Sultana u Zammit) u jidher illi kien hemm problema. Fil-fatt dakinhar, il-mara tar-rikorrent kienet prezenti u semghet spluzjoni tant li hasset li kellha ccempel ir-ragel taghha biex jigi jara l-affarijiet. Hadd mit-teknici xehed fuq din l-isplużjoni per se, pero' ikkonfermaw illi wiehed minnhom kien ha xokk dakinhar. Hadd mit-techinicians xehed fuq dak li qal Anthony Saliba - u cjoe' li kien hemm bozza partikolari fuq il-bejt li kienet qed tikkrea voltagg fuq l-earth. It-technicians illi ssemmew fix-xhieda ta' Saliba ma gewx prodotti - imma anke kieku ma jidhirx illi kienu direttament involuti f'dan il-kaz. Wara li telqu dawn iz-zewg teknici, ir-rikorrent qabbad *electrician*, fuq parir tat-teknici stess, li qallu li kollox kien sew u li

wara li ghamel spezzjoni fid-dar tar-rikorrent, ma kien sab xejn hazin fis-sistema elettrika li seta' kkaguna spluzjoni fil-kompressur.

Hareg ukoll mix-xhieda illi d-dawl fir-residenza kien ilu hemm tletin sena, ferm qabel ma gew installati l-AC units u li qatt ma kellu problemi ohra fis-sistema tad-dawl. Lanqas ma kellu problemi bl-AC unit l-iehor li kien gie installat fl-istess hin mis-socjeta' intimata. Li kieku kien ir-rikorrent stess illi ghamel l-installazzjoni tal-AC, l-affarijiet kienu jkunu differenti. Pero' t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi kienet is-socjeta' intimata stess li ghamlet l-installazjoni u li fl-10 ta' Lulju 2017 kienet diga baghtet xi hadd biex jikkonstata l-hsara li kien kkonferma li kien hemm hsara fil-*motherboard*. Dan ifisser illi l-hsara kienet ezistenti almenu gimgha qabel ma gew it-tekniki fuq il-post u qabel ma kien hemm l-isplujzoni. Ghal dak li jirrigwarda l-isplujzoni, ma gie ppruvat bl-ebda mod illi din saret rizultat ta' xi hsara fis-sistema elettrika tar-rikorrent. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jeskludi illi l-hsara fil-kumpressur kienet konsegwenza ta' difett fl-airconditioning unit u/ jew tal-operat tas-socjeta' intimata (jew tat-tekniki li gew fuq il-post dakinhar). Meta t-Tribunal iqis dawn ic-cirkostanzi kollha, ihoss illi l-verzjoni tar-rikorrent hija iktar verosimili u attendibbli.

Ghal dak li huwa l-quantum, fl-avviz tieghu (li huwa xott hafna fid-dettal), ir-rikorrent isemmi l-figura ta' mitejn Euro. Fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrent jitlob illi tigi rrangata l-AC unit jew inkella jiehu flus lura - u cjoe' €1046.

It-Tribunal jidhirlu illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u anke peress illi l-każ ġara wara iktar minn sena u nofs ta' użu, l-ammont ta' €1046.00 żgur mhuwiex ġustifikat.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent, jipprefiġġi terminu ta' tlett gimghat sabiex is-soċjeta' intimata ssewwi a spejjeż tagħha l-AC in kwistjoni u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess soċjeta' tirrifondi lir-rikorrent s-somma ta' mitejn Euro (€200.00). Bl-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa.

Michela Spiteri Av.
Arbitru